MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1320/2003

**Sunsites Limited**

**vs**

**Panorama Co. Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju 2003, fejn gie mitlub illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm65.37) rapprezentanti prezz ta' akkomodazzjoni prestati mis-socjeta' attrici lill-klijenti tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali mibghuta fil-15 ta' Mejju 2003 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm65.37), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------